MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 480/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Carmel k/a Karmenu Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel k/a Karmenu Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 147648(M).

Akkuzat talli fil-11 ta' April 2013, talli f'dawn il-Gzejjer:
1. bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` delitt ta' serq aggravat ta' ram u affarijiet ohra, minn gewwa l-Hard Standing gewwa Triq il-Kavallerizza, M'Xlokk, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun

ikkwalifikat bil-valur, li jeccedi aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), izda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37), ghad-dannu ta' Michael Carabott;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza volontorjament ikkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` ghamel hsara ta' tmien mitt Ewro (€800) ghad-dannu ta' Michael Carabott;

U aktar talli ghamel reat waqt perijodu operattiv ta' *conditional discharge* ghal perjodu ta' 3 snin moghtija lilu mill-Magistrati ta' Malta mill-Magistrat Dr S Demicoli LL.D. nhar is-6 ta' Gunju, 2012.
Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat li l-ammont kollu gie rizarcit.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Carmel k/a Karmenu Camilleri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------